MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 1124/2004

**SMS Insurance Agency Ltd**
**(C-5645)**

**vs**

**Ray Gatt (ID 307052 M) u b'digriet tal-5 ta` April, 2006, gie ordnat il-kjamat fil-kawza Angelic Mifsud u PC Technologies Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta` Mejju, 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma ta` mija u tnejn u erbghin lira, tlieta u erbghin centezmu (Lm142.43), rapprezentanti valur ta` polza ta` assikurazzjoni mahruga fuq il-vettura numru DAT 668 u l-hlas tal-licenzja relattiva ghal perjodu bejn 1 ta` Mejju, 2002 u 30 ta` April, 2003, kif ghandu jirrizulta minn zewg invoices datati 29 ta` April, 2002 numru 30202 u 30205 annessi u mmarkati Dok. A u B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data ta` meta l-ammont sar dovut kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut datata 2 ta` Lulju, tas-sena 2004, fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur peress illi qatt ma kellu jew talab li jkollu relazzjoni kontrattwali mas-socjeta` attrici.

B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Gie notat illi z-zewg imsejhin fil-kawza baqghu ma pprezentaw ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi Sharon Cilia ghas-socjeta` attrici xehdet illi l-vettura in kwistjoni DAT 668 kienet assikurata mas-socjeta` attrici fuq isem Edgar Gatt pero` meta dan ta` l-ahhar kien miet ir-renewal kienet inharget fuq huh il-konvenut, Ray Gatt. Fil-fatt, hija tallega li l-polza ezebita Dok. SC 2, tinsab iffirmata mill-istess konvenut, Ray Gatt. L-invoices relattivi kienu nhargu in segwitu fuq l-istess konvenut u kif ukoll fuq Angelic Mifsud f'isem is-socjeta` kjamata fil-kawza. (Dok. SC3 u SC4). Il-log book in kwistjoni (Dok. SC5) ghadu jghajjat pero` lil Edgar Gatt.

Il-konvenut, Ray Gatt ikkonferma bil-gurament tieghu illi l-vann in kwistjoni kien gie trasferit ghal fuq ismu minghand huh, Edgar Gatt (Dok. RG1), ftit qabel ma` miet ghalkemm l-intenzjoni kienet li dan idur fuq isem is-socjeta` kjamata fil-kawza. Fil-fatt, dan il-vann jintuza di solito mill-imsejha fil-kawza Angelic Mifsud, direttur tas-socjeta` kjamata fil-kawza. Dan gie konfermat mix-xhud Stephen Mercieca u Andrew Buttigieg ghalkemm ma kienux jafu fuq isem min kien jinsab registrat dan il-vann. Ray Gatt jissokta jallega li

l-firma li tidher fuq Dok. SC2 a fol. 18 tal-process fil-fatt ma hiex tieghu fis-sens illi xi hadd kien iffalsifika l-firma tieghu, x'aktarx l-istess imsejha fil-kawza Mifsud.

Illi fis-seduta tat-23 ta` Novembru, 2007, is-socjeta` attrici pprezentat Kapitolu ghas-subizzjoni taz-zewg partijiet imsejha fil-kawza Angelic Mifsud u P.C. Technologies Ltd u l-kawza fil-fatt thalliet ghas-subizzjoni taghhom ghal nhar is-7 ta` Dicembru, 2007.

It-Tribunal ha konjizzjoni tan-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni taz-zewg partijiet kjamati fil-kawza, cioe` Angelic Mifsud u P.C. Technologies Ltd sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

U peress illi l-istess kjamati fil-kawza baqghu ma deherux la fis-seduta tat-23 ta` Novembru, 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u lanqas ma dehru ghas-seduta tas-7 ta` Dicembru, 2007, meta gew imsejha iwiegbu ghat-talbiet attrici, n-nota tal-mistoqsijiet kwindi tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra fil-konfront ta` l-istess imsejha fil-kawza.

Illi dwar it-talba avvanzata kontra l-konvenut Ray Gatt, huwa jsostni li qatt ma kien hemm rabta kontrattwali bejnu u bejn is-socjeta` attrici peress illi qed jallega li l-firma fuq il-polza in kwistjoni, Dok. SC2 ma hiex tieghu peress li tinsab iffalsifikata. Prova ulterjuri dwar dan sabiex seta` jikkorobora l-affermazzjoni tieghu mhux talli ma gabx izda sahansitra jammetti li r-registrazzjoni tal-vettura kienet daret ghal fuq ismu ghalkemm kontra x-xewqa tieghu. Ma hux daqstant rilevanti min u ghalxiex kienet tinstaq l-imsemmija vettura. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ma ressaqx provi soddisfacenti in sostenn tal-eccezzjoni tieghu.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet u osservazzjonijiet fuq premessi, t-Tribunal qieghed jacta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Ray

Gatt u tenut kont li z-zewg imsejha fil-kawza gew ikkunsidrati li accettaw it-talbiet attrici in subizzjoni, jilqa` t-talbiet attrici fil-konfront kemm tal-konvenut u kif ukoll ta` l-imsejha fil-kawza u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut u liz-zewg imsejha fil-kawza solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici, s-somma mitluba ta` €331.77 (Euros) gia` (Lm142.43), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u l-ispejjez ta` din l-istanza ghandhom ukoll jigu sopportati in solidum bejn il-konvenut u z-zewg imsejha fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------